**Indirizz mill-Eċċellenza Tagħha Marie Louise Coleiro Preca, President ta' Malta, fl-okkażjoni taċ-Ċerimonja ta' l-Għoti tal-Medalji – *The Malta Self-Government Re-Introduction 75th Anniversary Commemorative Medal.***

**l-Erbgħa 11 ta' Ġunju 2014 Il-Palazz, il-Belt Valletta.**

Onorevoli **Prim Ministru**

Onorevoli **Kap tal-Oppożizzjoni**

Onorevoli **Membri Parlamentari**

**Eċċellenzi**

**Sinjuri**

**Nħossni onorata li qed nippresedi din iċ-ċerimonja tant sinifikattiva għall-mixja demokratika ta' pajjiżna.**

**Qed niftakkru u nfakkru waħda mill-iżjed ġrajjiet deċisivi fil-Mixja Kostituzzjonali ta' Malta, ġrajjiet li bdew nhar is-Seba' ta' Ġunju, 1919, u li għadhom sejjrin sal-lum.**

**Kien fl-1 ta' Novembru, 1921 li Malta ingħatat is-*Self-Government*.**

**l-Gvern Kolonjali, ppressat mill-avvenimenti tas-Sette Giugnio, introduċa Kostituzzjoni li, għall-ewwel darba, tat lilna l-Maltin, parlament, fejn ir-rappreżentanti tal-poplu setgħu jagħżlu il-Gvern tagħhom.**

**Għalhekk fl-1 ta' Novembru, 1921 ġiet inawgurata l-Assemblea Leġislattiva taħt il-Kostituzzjoni ta' *Self-Government,* li tat lil Malta forma ta' Gvern Responsabbli.**

**Dan kien possibli biss għax sentejn qabel seħħet il-protesta nazzjonali tas-Sette Giugnio fl-1919.**

**Dak iż-żmien, żgur li ħadd ma kien ibassar li dik li kienet protesta dwar il-prezz għoli tal-ħobż, kienet, fil-fatt, l-ewwel pass lejn sistema ta' demokrazija parlamentari għall-pajjiżna.**

**Kien wasal iż-żmien li nirrealiżżaw li l-kundizzjonijiet soċio-politiċi lokali kienu msejjsin biex tinstab xi forma ta' soluzzjoni demokratika.**

**L-ewwel *Self-Government* ingħatalna għaliex ċarċru demmhom għalih erba' patrijotti Maltin.**

**Is-Sette Giugnio kien il-Magħmudija tad-Demm ta' Malta tagħna.**

**Dakinhar tkebbset xrara li qatt ma ntfiet.**

**It-triqat tal-Kapitali nħaslu bid-demm ta' ħutna l-Maltin, u minn dakinhar il-quddiem, kull ġenerazzjoni bdiet toħlom li xi darba, anke Malta tieħu postha fost il-ġnus ħielsa u indipendenti.**

**Llum, aħna l-Maltin u l-Għawdxin, insellmu lill-martri-patrijotti Manwel Attard, Gużeppi Bajada, Wenzu Dyer u Karmenu Abela, għax lillhom nafu lill Malta Maltija.**

Malta li dwarha ħolmu huma, llum qegħdin ngħixu fiha aħna - Malta Indipendenti, Ħielsa, Ġusta u Demokratika.

Dak l-avveniment wassalna sal-21 ta' Settembru, 1964 meta Malta ħadet l-Indipendenza tagħha u għall-ġrajjiet storiċi oħrajn li ġew wara, fosthom Malta Repubbblika fl-1974, Malta Ħielsa fl-1979 u s-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea fl-2004.

Għaddew ħamsa u disgħajn sena mill-protesti tas-Sette Guigno.

Iżda qatt ma nistgħu ninsew li kien propju fl-irvellijiet ta’ dak inhar li nibtu movimenti politiċi-soċjali-kulturali li ħallew marka qawwija fl-iżvilupp kostituzzjonali tal-Gżejjer tagħna.

**Il-fjamma għaddiet minn ġenerazzjoni għall-oħra, sakemm waslet f'idejna u aħna wkoll għandna patt mal-Istorja biex ngħadduha lil ta' warajna.**

**Inħoss li huwa dmir tiegħi li nagħti dan il-messaġġ ta' rikonoxxenza lejn ta' qabilna u, fl-istess ħin, appell lill-ġenerazzjoni tal-lum.**

**L-istorja ta’ pajjiżna tgħaqqadna f’poplu wieħed, poplu b’imħabba lejn ġensna, kburin b’dak kollu li għaddejna minnu u dak li aħna illum.**

**B’hekk biss, ikun jistħoqqilna li nkunu werrieta denji ta’ missierijitna, li bir-rieda u l-kuraġġ kbir, ma beżgħux joffru ħajjithom biex in-nazzjon jgħix u jikber għal dak li hu llum.**

**Minn dak iż-żmien 'l hawn, kull ġenerazzjoni wieġbet għas-sejħa ta' pajjiżna, u offriet is-servizz ta' ċittadini li intrigaw biex jimlew rwol diffiċli fil-ħajja politika ta' Malta tagħna.**

**Nirrispettawhom u napprezzaw is-sagrifiċji li kellhom jagħmlu biex iservu lil pajjiżhom.**

**Huwa għalhekk xieraq li propju llum ser nuru l-apprezzament u r-rikonoxximent tagħna lil persuni li ħadmu bl-almu kollu tagħhom, fl-interess u għall-ġid ta' Malta u tal-Poplu Malti u Għawdxi kollhu.**

**Intom ilkoll kellkom sehem ewlieni fl-iżvilupp tal-ħajja politika, ekonomika u soċjali ta' pajjiżna; u għalhekk jixirqilkom dan il-Ġieħ li ser tirċievu llum, il-midalja li tfakkar l-Anniversarju tar-Re-introduzzjoni ta' Gvern Responsabbli fl-1921.**

**Minn qalbi nirringrazzjakhom ta' kull ma għamiltu għal poplu tagħna u għal pajjiżna, u nawgura li tkomplu bil-ħidma fejjieda tagħkhom.**

**Nawgura wkoll futur mill-isbaħ, lilkom u lill-familji tagħkhom.**

**F'isem il-Maltin u l-Għawdxin, ngħidilkom Grazzi.**